# L-Alla tal-Art

Kit Azzopardi

Geddumu serrħu fuq ras l-għasluġ. Il-pali ta' jdejh iduru mal-ħatar, darrsuh; ma seta' jeħles minnha b'xejn il-leg'għabra ma' jdejh. It-trab kien donnu qed jitfarfar minn ġildthom stess u saħansitra mnifsejh kien iħosshom nixfin qoxqox. F'widnejh, kien għadu qed jidwi d-daqq taż-żnied mad-daqq tat-tnabar u ta' strumenti oħra mil-lejl ta' qabel, u għalkemm il-ġamar kien ilu li ntefa, ir-riħa ta' ħruq kienet għadha maqbuda fi ħwejġu. Ħares madwaru, b'dahru lejn it-tempju: fil-bogħod seta' jilmaħ il-foga u basar li taħt dak id-duħħan kien hemm fjammi jfernqu jgħajtu u jħallu warajhom kisja ċnis. Sbieħ għodwa ġdida ma ġab xejn ġdid miegħu: dil-gżira kienet ilha taqbad. Wiċċ l-art beda juri sa minn kmieni x'kellu jkun: l-inxufija l-ewwel bdiet tħammar wiċċ l-art u bdew jinħarqu l-għoljiet, imbagħad kien imiss il-wesgħat ċatti mifruxa bħal ħaddejn l-art. Issa baqgħu jħaddru biss ftit widien, bħal xufftejn xi darba sukkulenti mifruxa fl-art. Sa Wied l-Għejjun kien nixef kważi għalkollox.

* * *

Lejlet das-sebħ qarrieqi kienu nġabru għas-satra tal-lejl iż-żeffiena bla saħħa, l-għannejja bi ħnienaq donnhom jifgawhom, u l-bqija tar-raħħala. Iż-żgħar li felħu jibqgħu fuq saqajhom tqabdu bejniethom għal djul ommijiethom, u

mill-kbar tnejn biss baqgħu ġewwa (wieħed minnhom miet mal-lejl). Quddiem it-tempju kien hemm aktar ħatab mis-soltu: il-ħatab, il-ħaxix niexef, u x-xewk kienu, f'dawk iż-żminijiet, l-uniku frott li toffri arthom, minkejja t-talb lill-alla goffa tal-art.

Kienu reġgħu nġabru għat-talb tagħhom lill-allat. Din, bħat-talb kollu l-ieħor f'dawn l-aħħar xhur, kellha tkun l-ogħna offerta lill-allat, l-offerta li biha jiskru l-allat u jiksru s-saħta li waqgħet fuqhom f'dawn l-aħħar snin. Okeme straħ mal-ħajt, għala biebu milli jtebba' lbiesu bl-okra ħamra u mit-trab ifarfar fuqu; dil-art ilha li ħdaret kontrihom u ħmaret bl-inxufija, u ilha tfarfar minn fuq daharha l-ħajja.

Kienet ħarġet għan-nofs qaddejja ġdida tat-tempju: riġlejha qajla jifilħuha, idejha mdendla bla saħħa, għajnejha xotti, leħinha xejn inqas, u kien bi sforz kbir biss li kliemha ma weħilx fil-parti kruċjali tar-rit il-ġdid: "Għall-qerda ta' dal-ġuħ li qed jifnina, l-allat iridu fis — sabiex jaħfrulna — wild li jmut għalina." Ħadd ma tħarrek; tant kemm kienet ilha ma ssir offerta bħal di' li qas l-ixjeħ fost ix-xjuħ ma kienet tiftakar għexitx ġrajjiet oħra bħal dawn. Biss, kienet ilha tissemma dil-aħħar possibbiltà, l-isħeħ sagrifiċċju, l-aktar divin. Kienu bdew b'li joktru l-offerti, l-ewwel bi bwieqi kbar tal-ħalib u l-għasel u mniezel ta' ħaxix u frott. Imbagħad bil-bhejjem, kull darba daqsxejn aktar u akbar mis-soltu. U minkejja li x-xorb beda jonqos u l-frott kien imkemmex u l-ħaxix fl-isfar u l-bhejjem nexfin, u minkejja li r-raħħala ma kellhomx għajr il-loqom x'jieklu, l-offerti baqgħu jsiru, anzi, bdew jiżdiedu.

Ma' kliem il-qaddejja kulħadd ħares madwaru. Il-ħemda kont tħossha ma' ħaddejk. Ma qamx għagħa, lanqas biki u lfiq jew geġwiġija għax ilu li kien hemm stennija għal dil-offerta aħħarija. Kien hemm biss l-għajnejn iħarsu kurjużi: f'dak id-dlam, in-nies kienu biss par għajnej'. Ġisimhom mixrub inxtorob fl-iswed karg ta' madwarhom, ġildithom samra kienet mitfija, xagħarhom skur miblugħ mil-lejl. Imbagħad, par għajnejn resaq jogħtor 'il quddiem u fid-dawl bati tat-tempju, bil-mod il-mod bdiet tieħu suritha dil-figura dgħajfa, kemxejn femminili, kemxejn riġida, imma għalkollox umana.

Eme issa kienet tidher sew qalb il-ħaġar, wieqfa dritta fuq iċ-ċnagen tan-nofs, bit-tattwaġġi fuq driegħ minnhom mitluq: Sett ċrieki f'xulxin li ma jingħaqdux għalkollox u li minflok jinfetħu u jinferqu fi trufhom. U ħdejhom, ġiex figuri żgħar: Ftit linji u ġixt irjus, missier u bint. Meta kienet tfarfret u

driegħha baqa' ma ssaħħaħx, waħda mix-xjuħ kienet taqqbitha bit-tama li idha tieħu l-ħajja. Rabtuhielha, stirawhielha, taqqbuha, u ġibdulha d-demm, imma wara jum, jumejn, driegħha baqa' bħalma kien. Imma l-akbar għaġeb tax-xiħa li ħadmet fuqha kien li Eme ma ħasset xejn, la qarrset għajnejha, la tniehdet … xejn. U wara ftit, ix-xiħa ġietha idea.

Qalet, ix-xiħa, "Min jaf kieku kellna nagħmlu tattwaġġ fuq driegħha, b'offerta lill-allat, bit-tama tal-fejqan?" U bdiet tħejji x-xewk tal-ħut u ħalltet irmied mill-aktar iswed. Fuq ġilda niexfa, maqtugħa għad-daqs ta' driegħ Eme, fasslet iċ-ċrieki b'ċagħqa tonda tonda. Imbagħad, meta t-tifsila kienet lesta u wrietha lil Eme, taqqbet toqob irqaq fil-ġilda, li stiratha u ħititha mad-driegħ maħsul u midluk tagħha. B'biċċa faħam, bdiet tagħti fuq il-ġilda b'mod li xħin neħħietha ħalliet l-għamla taċ-ċrieki bit-trab sewdieni. Bix-xewk tal-ħut, imbagħad, daret għall-irmied u bdiet ittaqqab mal-fasla, toħroġ id-demm, u tinjetta linka mill-aktar sewda.

Dakinhar tal-offerta aħħarija, ħadd ma ssogra jħares fiss f'għajnejn Eme. Minflok, l-għajnejn tal-miġemgħa waqfu fuq it-tattwaġġ u d-driegħ bla saħħa tagħha. Leħinha, mitfi, instema' ħelu għal widnejhom: "Ladarba xejn ma jiswa driegħi, nagħtihom jien 'l allat ħajti u xbubiti, immut għall-Gżira Għawġiġja tiegħi." L-istatwa goffa tal-alla tal-art baqgħet siekta: qalbha kienet ilha li bbieset, u rasha saret taż-żonqor. Illejla, dil-alla tal-art saret għalkollox alla tal-ħaġar.

* * *

Okeme serraħ geddumu fuq ras l-għasluġ, l-għajnejn għajjiena tiegħu nexfin bħan-nixxigħat ta' gżirtu, leħjitu mħarbta bħall-witat kollhom xewk, u meta jiftaħ xufftejh maqsuma bħal irdumijiet imġarrfa ma kienx joħroġ għajr ħoss bħal ta' ċief bikkej imbiegħed. Għeluq is-sena mill-offerta t'Eme, dat-tempju goff għalxejn kien għadu ma skansahomx mit-trabijiet, anzi ħitanu stess komplew jitfarfru. Okeme reġ'għolla rasu lejn l-għolja tan-Nuffara hija u tobżoq l-ilsna tan-nar għall-għata ta' foga bajdanija: ir-riħa tisloħ ta' ħruq fakkritu fir-riħa tixher t'Eme, u f'kif sbieħ l-għada kien mar qalb il-ħatab, il-ħaxix niexef, u x-xewk idaħħan, biex jiġbor fdalijietha minn qalb l-irmied mill-aktar iswed. Kien għamel ġimgħat sħaħ jisma' d-diwi tad-daqq taż-żnied itanbar f'moħħu u l-krib tagħha jidwi f'widnejh. U minkejja dik l-offerta aħħarija, għeluq is-sena

minn dal-ġrajjiet ma ġab xejn ġdid miegħu: dil-gżira baqgħet taqbad. Okeme ħa l-aħħar nifs u dar ħa jmur lura lejn għarixu, u minn taħt ix-xagħar nieżel fuq spalltu nkixef tattwaġġ magħmul mill-irmied mill-aktar iswed, tattwaġġ ta' ftit linji u ġixt irjus.